Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2279

14.11.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2279

tat-13 ta' Novembru 2025

li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-fosfur tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodotti 14, 18 u 20 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) Il-fosfur tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina ġie inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 14 u 18. Skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, ġie għalhekk ikkunsidrat bħala approvat sal-31 ta' Awwissu 2021 u l-31 ta' Jannar 2022, rispettivament, skont dak ir-Regolament soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE.

(2) Barra minn hekk, il-fosfur tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina ġie approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 20 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1034/2013 [3] sat-30 ta' Ġunju 2025, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

(3) Fis-26 ta' Frar 2020, ġew ippreżentati applikazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-fosfur tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 14, 18 u 20 ("l-applikazzjonijiet").

(4) Fil-25 ta' Mejju 2020 (għall-applikazzjonijiet għat-tipi ta' prodott 14 u 18), u fis-16 ta' Ġunju 2020 (għall-applikazzjoni għat-tip ta' prodott 20), l-awtorità kompetenti li tevalwa tal-Ġermanja infurmat lill-Kummissjoni li kienet iddeċidiet, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li kienet meħtieġa evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjonijiet kollha. Skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti li tevalwa għandha twettaq evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni fi żmien 365 jum mill-validazzjoni tagħha.

(5) L-awtorità kompetenti li tevalwa tista', skont kif ikun xieraq, teżiġi li l-applikant jipprovdi biżżejjed data biex titwettaq l-evalwazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 365 jum jiġi sospiż għal perjodu li ma jistax jaqbeż il-180 jum b'kollox, sakemm ma tkunx iġġustifikata sospensjoni itwal minħabba n-natura tad-data rikjesta jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.

(6) Fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti li tevalwa, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") għandha tħejji opinjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva u tippreżentaha lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

[2] Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/8/oj).

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1034/2013 tal-24 ta' Ottubru 2013 li japprova l-fosfid tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina bħala sustanza attiva għall-użu fi prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 20 (ĠU L 283, 25.10.2013, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/1034/oj).

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1284 [4] pposponiet id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-fosfur tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 14 u 18 sal-31 ta' Lulju 2024, sabiex ikun hemm żmien biżżejjed biex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet.

(8) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/732 [5] reġgħet ipposponiet id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-fosfur tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 14 u 18 sal-31 ta' Jannar 2026, minħabba dewmien biex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet.

(9) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/461 [6] pposponiet id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-fosfur tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 20 għall-31 ta' Jannar 2026, sabiex ikun hemm żmien biżżejjed biex tiġi eżaminata l-applikazzjoni kkonċernata.

(10) Fit-8 ta' April 2025, l-awtorità kompetenti li tevalwa infurmat lill-Kummissjoni li qed tistenna li tippreżenta r-rapporti ta' valutazzjoni tat-tiġdid tal-fosfur tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 14, 18 u 20 lill-Aġenzija fit-tielet trimestru tal-2025.

(11) Konsegwentement, minħabba raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-applikant, l-approvazzjonijiet x'aktarx jiskadu qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħhom. Għalhekk jixraq li d-data tal-iskadenza tal-approvazzjonijiet tiġi posposta ulterjorment għal perjodu ta' żmien biżżejjed biex ikun jista' jiġi finalizzat l-eżami tal-applikazzjonijiet. Wara li tqiesu l-limiti ta' żmien għall-evalwazzjoni mill-awtorità kompetenti li tevalwa, għat-tħejjija u għall-preżentazzjoni mill-Aġenzija tal-opinjonijiet tagħha u ż-żmien meħtieġ biex il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk iġġeddidx l-approvazzjonijiet tal-fosfur tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 14, 18 u 20, jenħtieġ li d-data tal-iskadenza tiġi posposta għall-31 ta' Lulju 2027 għat-tipi ta' prodott ikkonċernati kollha.

(12) Wara li tiġi posposta ulterjorment id-data tal-iskadenza tal-approvazzjonijiet, il-fosfur tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina jibqa' approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 14 u 18, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE, u għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 20 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2013,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-fosfur tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 14 u 18 stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE hija posposta għall-31 ta' Lulju 2027.

[4] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1284 tat-2 ta' Awwissu 2021 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-fosfur tal-aluminju għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 14 u 18 (ĠU L 279, 3.8.2021, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/1284/oj).

[5] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/732 tat-28 ta' Frar 2024 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-fosfur tal-aluminju għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 14 u 18 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/732, 1.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/732/oj).

[6] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/461 tal-10 ta' Marzu 2025 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-fosfur tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 20 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2025/461, 11.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/461/oj).

Artikolu 2

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-fosfur tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 20 stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2013 hija posposta għall-31 ta' Lulju 2027.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN